Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 8/2012AE

**Jacqueline Calleja**

**Vs**

**Stephen Saliba-Datax Limited**

L-Erbgha, 25 ta' Novembru 2015.

L-attrici pproponiet kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur in konnessjoni ma' kompjuter Toshiba. L-ilment taghha hu li kienet hadet il-kompjuter ghand il-konvenut minhabba li fuq l-iscreen kien qieghed jidher il-messagg:

*"Your activation period has expired, and Windows is no longer working. This copy of Windows is not genuine !"*.

Jumejn wara marret tigbor il-kompjuter u staqsiet ghar-*recovery discs* u giet infurmata li dawn jinsabu fil-bagalja tal-kompjuter. Madankollu meta marret id-dar sabet li fil-bagalja kellha kopja u mhux l-*original recovery discs* li kienet tat lil Saliba. Ghalhekk talbet li tinghata lura l-compact discs jew tithallas is-somma ta' €700 peress li minghajrhom il-kompjuter ma jiswa xejn.

B'sentenza tat-28 ta' Mejju 2012 it-Tribunal laqa' l-ilment tal-attrici u kkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €200, bl-ispejjez kontra tieghu.

Il-konvenut appella. L-aggravju hu li:

*"…. t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ma ta l-ebda kont, u bl-ikbar rispett skarta kompletament il-provi mressqa mill-appellant u dana bi ksur tal-principju audi alteram partem, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-appell odjern"*.

Il-konvenut isostni li l-kompjuters ma jkollhomx cd's originali; *"Fil-fatt min jixtri dan it-tip ta' kompjuter ikun irid jikkreja kopja (hekk imsejha recovery discs) hu stess sabiex ikollu back-up ghall-operating system tal-kompjuter f'kaz li l-kompjuter jesperjenza problemi, u dana kif jirrizulta miz-zewg dokumenti hawn annessi"*.

L-appellata ma wegbitx.

Fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013 saret trattazzjoni[1].

**Konsiderazzjoni**.

1. Il-konvenut qieghed bazikament jitlob li din il-qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi. Hu evidenti li jippretendi li t-Tribunal kellu jemmen il-verzjoni tieghu li *"…. Il-kompjuter in kwistjoni, u kompjuters ohra ta' l-istess tip ma jkollhom ebda cd's originali li jigu maghhom. Fil-fatt min jixtri dan it-tip ta' kompjuter ikun irid jikkreja kopja (hekk imsejha recovery disc) hu stess sabiex ikollu back up ghall-operating system tal-kompjuter f'kaz li l-kompjuter jesperjenza problemi"*[2].

2. Il-vertenza hi dwar €700. F'dan ix-xenarju appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi hi possibbli:

   (a) fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
   (b) fuq preskrizzjoni;
   (c) jekk l-appellant jilmenta li t-Tribunal ikun mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali u dan ikun ippregudika l-jeddijiet ta' min jappella (Artikolu 22(2) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378);

3. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li t-Tribunal mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali. Mill-atti hu evidenti li t-Tribunal ta liz-zewg partijiet l-opportunita' li jressqu l-provi, u emmen lill-attrici li l-*compact discs* li kien hemm mal-kompjuter kienu fil-fatt originali. B'daqshekk il-qorti ma tistax tara li kien hemm ksur tal-principju *audi alteram partem* li nvoka l-appellant fir-rikors tal-appell.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[1] Ara traskrizzjoni.
[2] Ara rikors tal-appell.